A.L. 41 ta' l-1997

ATT TA' L-1994 DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (ATT NRU. XII TA' L-1994)

Regolamenti ta' l-1997 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Aġenti ta' l-Ivjaġġar)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 19, 46 u 61 ta' l-Att ta' l-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru ta' l-Ekonomija u l-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu ir-Regolamenti ta' l-1997 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Aġenti ta' l-Ivjaġġar), u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Aġenti ta' l-Ivjaġġar), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 159 ta' l-1994.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' April, 1997

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, għand jidħol dan il-proviso li ġej:

"Iżda meta servizz imsemmi jew iżjed jiġi provdut flimkien ma' akkommodazzjoni jew ma' akkommodazzjoni u *catering* prenotati, kif speċifikat fir-regolament 2, eskluż xorb, tar-Regolamenti ta' l-1997 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Akkomodazzjoni u Xorb f'Fondi Liċenzjati għal Akkomodazzjoni Turistika), bħala parti minn transazzjoni waħda, dik il-provvista ta' servizz imsemmi jew servizzi msemmija għandha titqies bħala provvista waħda ta' servizzi msemmija." A.L. 39 ta' l-1997.

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. Fil-partita 1 ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "Akkomodazzjoni f'Malta" għandu jidħol dan li ġej ", iżda eskluża akkommodazzjoni u akkommodazzjoni u *catering* prenotati kif speċifikat fir-regolament 2 tar-Regolamenti ta' l-1997 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Akkommodazzjoni u Xorb f'Fondi Liċenzjati għal Akkommodazzjoni Turistika),".